A.L. 83 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR IT-TAXXA TAD-DWANA U TAS-SISA (ATT NRU. XII TA' L-1997)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bl-artikoli 46 u 75 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1997.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor —

"appell lit-Tribunal" tfisser appell kontra stima skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ;

"Reġistratur" tfisser min jinħatar bħala Reġistratur tat-Tribunal skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 47 ta' l-Att, u għandha tinkludi kull Reġistratur deputat maħtur skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti waqt li jkun qieghed jaqdi d-dmirijiet ta' Reġistratur.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa imwaqqaf skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47 ta' l-Att;

(2) Kliem u espressjonijiet ohra wżati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom it-tifsir moghti lilhom fl-Att.

Kompożizzjoni tat-Tribunal.

3. (1) Il-Ministru jista' jaħtar *panel* ta' persuni li jistgħu jagħmluha ta' *Chairmen* u *panel* ta' persuni li jistgħu jagħmluha ta' membri oħra tat-Tribunal, f'liema każ il-membri għandhom ħekk joqogħdu skond dik id-distribuzzjoni ta' dmirijiet li l-Ministru jista' jistabbilixxi, inkluża kull dispożizzjoni dwar l-inkapaċità ta' membri li joqogħdu u ċirkostanzi oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 733 sa 739 magħdudin tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għaċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tat-Tribunal dwar appelli li jingħiebu quddiem it-Tribunal bl-istess mod ħekk kif japplikaw għal imħallfin għar-rigward ta' kawża li tingħieb quddiem il-qorti.

(3) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew milli tkompli tkun *Chairman* jew membru tat-Tribunal jekk hija tkun membru tal-Kamra tad-Deputati.

(4) Fil-każ ta' vakanza fit-Tribunal li ma tkunx tista' timtela skond id-distribuzzjoni ta' dmirijiet stabbilita skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-Avukat Ġenerali għandu jaħtar persuna sabiex toqgħod hi minflok fis-smiegħ u deċiżjoni tal-kawża fejn ikun hemm dik il-vakanza.

(5) Iċ-*Chairman* u l-membri tat-Tribunal għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li tista' tiġi stabbilita mill-President ta' Malta.

Reġistraturi deputati.

4. Il-Ministru jista' jaħtar persuni oħra biex jagħmluha ta' Reġistraturi deputati.

Kompetenza tat-Tribunal.

5. (1) It-Tribunal ikun kompetenti biex jisma' kull appell li jsir skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 ta' l-Att u li jikkonferma, inaqqas jew iżid kull valur taxxabbli jew ħlas lura jew taxxa li jkunu ġew stmati mid-Direttur, jew li jħassar l-istima jew li jagħmel kull dikjarazzjoni jew ordni oħra ħekk kif jidhirlu xieraq.

(2) It-Tribunal jista', f'kull deċiżjoni li jagħmel, jagħti ordni fuq l-ispejjeż tal-każ ħekk kif jidhirlu xieraq.

Appelli kontra stimi.

6. (1) Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba:

(a) ma tkunx saret denunzja lid-Direttur għaż-żmien ta' taxxa li dwaru tkun tirreferi l-istima qabel ma jingħieb l-appell; u

(b) ma tkunx thallset it-taxxa kollha li m'hemmx kwistjoni dwarha li kellha tithallas mill-appellant; u

(ċ) ma jkunx thallas mhux inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha skond dak l-appell; u

(d) l-appell ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell; u

(e) l-appell ma jsirx fuq il-formola li tidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ikun dmir tal-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mid-Direttur ikun eċċessiv jew li xi ħlas lura li ssir stima dwaru mid-Direttur ma jkunx suffiċjenti.

(3) It-Tribunal jista' jirrifjuta li jikkonsidra xi provi bħala suffiċjenti għall-għanijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament jekk l-appellant ikun naqas li jżomm kull *record* u dokument li huma meħtieġa li jinżammu bl-Att jew b'regolamenti magħmula taħt l-Att jew jonqos milli jipproduċi kull *record* jew dokument bħal dak.

Ħlas tat-taxxa.

7. (1) Meta jkun sar appell validu kontra stima il-ħlas ta' daqstant mit-taxxa stmata, li jkun hemm kwistjoni dwarha u li ma jkunx meħtieġ li tithallas qabel ma jsir l-appell skond is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti jista' jinżamm riżervat sakemm dak l-appell jiġi sa fl-aħħar deċiż:

Iżda sadattant m'għandux jiġi sospiż milli jibqa' għaddej l-imgħax fuq dik it-taxxa.

(2) Meta t-taxxa, li jkollha tithallas b'deċiżjoni tat-Tribunal wara appell kontra xi stima, tkun iktar mit-taxxa, indikata bħala li għandha tithallas f'dik l-istima, l-ammont żejjed għandu jithallas sa mhux iktar tard mill-aħħar tax-xahar li matulu dik id-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lill-appellant u jkun dovut fuq dak l-ammont żejjed mgħax bir-rata speċifikata fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 48 ta' l-Att mid-data msemmija għal kull żmien li matulu dak l-ammont żejjed jibqa' mhux imħallas.

Setgħat tat-Tribunal.

8. It-Tribunal ikollu s-setgħa li jħarrek lil kull persuna sabiex tagħti xiehda, jew sabiex iġġib quddiemu kotba jew dokumenti oħra u ċ-*Chairman* ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiem it-Tribunal.

Laqgħat tat-Tribunal.

9. It-Tribunal għandu jitlaqqa' miċ-*Chairman* kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

Xhieda u provi.

10. Għall-għanijiet ta' -

(a) l-eżami tax-xiehda u għat-twettiq ta' l-attendenza ta' xhieda;

(b) il-produzzjoni ta' kotba u provi b'dokumenti oħra;

(ċ) il-ħatra ta' periti legali jew tekniċi,

f'kull appell quddiem it-Tribunal, it-Tribunal għandu jkollu dawk is-setgħat kollha li huma mogħtijin bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u għandu *mutatis mutandis,* ikun regolat bir-regoli xierqa mniżżlin fih:

Iżda —

(i) l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew kull persuna oħra konfidenzjalment impjegata fl-affari ta' l-appellant u l-ġenituri, żewġ jew mart jew if-tfal ta' l-appellant, ma jissejħux biex jixhdu jew biex ikunu eżaminati ħlief meta jitlob l-appellant;

(ii) kull persuna, barra mid-Direttur, li jkollha jew kellha xi dmir uffiċjali jew li hi jew kienet impjegata fl-amministrazzjoni ta' l-Att, ma tiġix imsejħa biex tixhed jew li tiġi eżaminata dwar xi ħaġa uffiċjali li għandha x'taqsam ma' l-istima li tkun taħt appell ħlief meta jitlob id-Direttur.

Ordni waqt laqgħat tat-Tribunal.

11. Sabiex jinżamm il-bon'ordni matul is-seduti tiegħu, it-Tribunal huwa vestit b'dawk is-setgħat kollha li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma vestiti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Post għal laqgħat u reġistru tat-Tribunal.

12. (1) It-Tribunal għandu jagħmel il-laqgħat tiegħu f'kull post li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit b'ordni tal-Ministru pubblikat fil-Gazzetta.

(2) L-inkartamenti li jirreferu għall-proċedimenti tat-Tribunal għandhom jinżammu mir-Reġistratur fir-reġistru tat-Tribunal li għandu jkun fil-lokalità stabbilita b'ordni tal-Ministru pubblikat fil-Gazzetta.

13. (1) Kull avviż, mandat jew ordni maħruġ mit-Tribunal għandu jkun iffirmat miċ-*Chairman* u kontro-firmat mir-Reġistratur tat-Tribunal. Avviżi.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 72 u tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 73 ta' l-Att għandhom japplikaw għall-avviżi, mandati u ordnijiet maħruġa mit-Tribunal.

14. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, id-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' voti. Deċiżjonijiet tat-Tribunal.

(2) Kull kwistjoni dwar xi raġuni ta' astensjoni jew rikuża, u kull kwistjoni dwar proċedura, għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tat-Tribunal.

(3) Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u għandhom ikunu ffirmati miċ-*Chairman*. L-oriġinal tad-deċiżjoni għandu jinżamm fir-reġistru tat-Tribunal flimkien ma' l-inkartament sħiħ tal-proċedimenti ta' kull każ li jkun ġie riferit lit-Tribunal.

(4) Ir-Reġistratur għandu jġiegħel li kopja ta' kull deċiżjoni tat-Tribunal tintbagħat lil kull parti nvoluta fil-proċedimenti in kwistjoni.

(5) Kopja ta' kull deċiżjoni tat-Tribunal għandha tinżamm mir-Reġistratur f'reġistru li għandu jkun aċċessibbli biex jiġi eżaminat mill-pubbliku matul dawk il-ħinijiet li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi. Il-kopja għandha tiġi mdaħħla fl-imsemmi reġistru hekk kif jiskadi ż-żmien għal appell minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell, jew, f'każ li jkun sar dak l-appell, hekk kif tkun ingħatat id-deċiżjoni relattiva mill-Qorti ta' l-Appell. F'dan l-aħħar każ, ir-Reġistratur għandu jżomm fl-imsemmi reġistru kemm kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal kif ukoll kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

(6) Kull persuna tista' tagħmel talba bil-miktub lir-Reġistratur għal kopja ta' parti mill-imsemmi reġistru u r-Reġistratur għandu jara li l-kopja mitluba tingħata lil dik il-persuna wara li jkun sar dak il-ħlas li l-Ministru jista' dwaru jiddeċiedi minn żmien għal żmien. Dawn il-kopji jistgħu jiġu provduti b'mezzi elettroniċi, manjetiċi, ottiċi jew b'xi mezz ieħor.

15. Ir-Reġistratur ikollu, *mutatis mutandis*, dawk is-setgħat u dmirijiet kollha li huma moghtijin lil jew vestiti fir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Setgħat tar-Reġistratur.

Kap. 12

16. (1) Appell kontra stima għandu jsir b'rikors fuq il-Formola li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u dan għandu jkun iffirmat mill-appellant jew mill-aġent tiegħu. Rikors ta' appelli kontra stimi.

(2) Rikors ta' appell skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jsir b'żewġ kopji u għandu jiġi preżentat għand ir-Reġistratur, u r-Reġistratur għandu jara li kopja minnhom tingħata lid-Direttur fi żmien tmint ijiem mid-data li jiġi hekk preżentat l-appell.

(3) It-Tribunal jista', f'kull żmien, jagħti permess li jsir kull tibdil fir-rikors sabiex ikun iktar ċar.

Risposta mid-Direttur.

17. Meta kopja ta' rikors ta' appell kontra stima tkun ġiet mogħtija lid-Direttur skond il-paragrafu (2) tar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu, fi żmien ħmistax-il jum mill-għeluq tal-limitu ta' żmien impost fl-imsemmi paragrafu, jippreżenta lir-Reġistratur żewġ kopji tar-risposta li fiha jagħti r-raġunijiet għaliex huwa jkun ser jikkontesta l-appell, u r-Reġistratur għandu jara li kopja minnhom tar-risposta tiġi notifikata lill-appellant.

Appuntament ta' data għas-smiegħ.

18. (1) Mill-iktar fis possibbli wara li d-Direttur jippreżenta r-risposta tiegħu, jew, meta ma jsirx dan, wara li jgħaddi ż-żmien mogħti għall-preżentata ta' dik ir-risposta, it-Tribunal għandu jistabbilixxi jum għas-smiegħ ta' l-appell.

(2) Ir-Reġistratur għandu jagħti avviż tal-jum u ħin stabbilit għas-smiegħ ta' l-appell lill-appellant u lid-Direttur.

SKEDA

Regolament 6
Appell kontra stima (artikolu 46)
Regulation 6
Appeal against an assessment (section 46)

ATT TA' L-1997 DWAR IT-TAXXA TAD-DWANA U TAS-SISA (ATT NRU. XII TA' L-1997)
CUSTOMS AND EXCISE TAX ACT, 1997 (ACT NO. XII OF 1997)

APPELL LIT-TRIBUNAL DWAR IT-TAXXA TAS-SISA
APPEAL TO THE EXCISE TAX TRIBUNAL

Numru tar-reġistrazzjoni ta' l-appellant
Registration number of appellant

				–				

Isem u indirizz ta' l-appellant
Name and address of appellant

Isem u indirizz ta' l-aġent jekk għandu
Name and address of agent (if any)

Ir-Reġistratur
Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa

The Registrar
Excise Tax Tribunal

Permezz ta' stima li ġġib id-data ta' _____ (kopja mehmuża) maħruġa mid-Direttur

By an assessment dated _____ *(copy enclosed) issued by the Director of Customs*

tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "id-Direttur") u mibgħuta lill-
and Excise Tax (hereinafter referred to as "the Director") and served on the appellant on the

appellant fi _____ l-appellant ġie mgħarraf li l-ammont ta' * ETP/ETS li għandu

_____ *the appellant has been informed that the amount of * ETP/ETS payable by*

jitħallas minnu għaż-żmien/żminijiet ta' taxxa _____ hu Lm _____.

him for the tax period/s _____ *is Lm* _____.

B 520

Skond id-denunzja/denunzji mibgħuta mill-appellant lid-Direttur għall-imsemmi żmien/imsemmija
In accordance with the return/s delivered by the appellant to the Director for the said tax

żminijiet ta' taxxa:
period/s:

* l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas hu Lm _____

* *the amount of tax payable is Lm* _____

* m'għandha titħallas ebda taxxa
* no tax is payable

(* ħassar fejn jinħtieġ)
(* *delete as necessary)*

It-taxxa li m'hemm ebda kwistjoni dwarha kif ukoll 25% ta' l-ammont ta' taxxa li hemm kwistjoni dwarha
The tax not in dispute as well as 25% of the amount of tax which is in dispute have been paid to the

ġew imħallsa lid-Direttur (skond riċevuta/i numru/i _____ bid-data/i _____).

Director (receipt/s number/s _____ *dated* _____ *refer/s).*

L-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija stima għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
The appellant feels aggrieved by the said assessment on the following grounds:

_____

_____

_____

_____

L-appellant għalhekk jitlob li l-imsemmija stima għandha tiġi mibdula kif jidher hawn taħt:
The appellant therefore submits that the said assessment should be amended as follows:

_____

_____

_____

_____

_____
Firma ta' l-appellant jew ta' l-aġent tiegħu
Signature of the appellant or of his agent

Ippreżentat minn _____ fi _____
Filed by *on the*

_____
Reġistratur
Registrar